**2 ta' Frar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Carmel Zammit

*versus*

Carmel Aquilina *et noe*

## Inċident - Danni - *Quantum* - Skeda tad-Dipartiment ta' Sigurta' Soċjali - Ħlas minn Assikurazzjoni

*Dak li tistabbilixxi l-iskeda tad-Dipartiment ta' Sigurta' Soċjali jirrigwarda x'kumpens huwa assikurat mill-Istat għal ċerta menomazzjoni u bl-ebda mod ma jistabbilixxi xi kriterju assolut li jiġu stabbiliti d-danni sofferti minn vittma ta' inċidenti mutilanti.*

*Dak li l-attur seta' rċieva minn xi fonti assikurattiva m'għandu ebda*

*rilevanza sostanzjali fuq id-danni li l-attur għandu d-dritt li jirrikjama minn min huwa responsabbli għal dak li huwa sofra. Dak li huwa rċieva minħabba obbligazzjoni kontrattwali ma tmissx dak li huwa lilu dovut minħabba l-kważi-delitt jew l-obbligazzjoni mposta mil-liġi.*

Il-Qorti:-

Din il-kawża ġiet proposta fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ mill-attur wara li huwa fl-1 ta' Ġunju, 1985 korra waqt li kien qed jaħdem fuq il-makni tal-kumpannija konvenuta u tilef wieħed mis-swaba ta' idu l-leminija, u għalhekk għal dan id-dannu talab l-istess Qorti li tiddikjara l-kumpannija konvenuta responsabbli għall-akkadut, li tillikwida d-danni minnu sofferti, u tikkundanna lill-kumpanija biex tħallsu l-ammont likwidat;

Il-kumpannija irrispinġiet kull addebitu;

Il-prelodata Qorti innominat tlett periti -wieħed tekniku - inġinier, ieħor mediku u ieħor legali u dawn stabbilew illi għall-inċident kellha tirrispondi għalih, kwantu għal żewġ terzi il-kumpannija, u d-danni sofferti mill-attur ġew likwidati fl-ammont ta' disgħat elef u mitejn lira (Lm9,200) a bażi ta' debilitazzjoni permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%);

B'sentenza tat-3 ta'Ġunju, 1992 l-imsemmija Qorti aċċettat pjenament ir-rapport tal-periti u ssanzjonat il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-istess periti;

Il-kumpannija appellat fuq tlett punti:

L-ewwel aggravju jgħid illi l-periti kkonkludew li l-kumpannija ma pprovdietx sistema sikura ta' xogħol u l-atmosfera fil-post tax-xogħol ma kinitx trankwilla u l-ħaddiema kienu sottoposti għal pressjoni u għaġla, imma dan mhux minnu;

Dan huwa aggravju inattendibbli. Irriżulta li l-pedala li tikkontrolla x-xogħol tal-makna ma kellhiex l-ilqugħ neċessarju u essenzjali u meta jkun hemm nuqqas bħal dan il-liġi - ir-Regolamenti ta' l-1945 li jimplimentaw id-dettalji ta' dak li jrid il-Kapitolu 107 tal-Liġijiet ta' Malta - jgħodduh bħala nuqqas ta' natura penali, bil-konsegwenzi kollha li jsegwu. Dan il-fattur huwa biżżejjed biex inissel il-pjena responsabbilta' tal-kumpannija - kif ġie diversi drabi ripetut fil-ġurisprudenza, anke reċenti - (Kummerċ - 4.7.1989 **Agius *vs* Galea**; Appell 26.2.1993 **Galea *vs* Balzan** u Appell 7.12.1994 **Grech *vs* Farrugia**);

Fil-każ in eżami, imbagħad, kien hemm fattur in pju' - atmosfera ta' "għaġla u ġenn" li skond l-istess rapport - paragrafu 45 - ikkontribwiet għall-akkadut. Huwa inutli għall-kumpannija, li tissottometti illi din l-atmosfera:

"... ma kinitx magħmula min-naħa tas-soċjeta' konvenuta imma mill-Perit Dom Mintoff li tant beżża' lill-attur u sħabu li dawn bdew jaħdmu bl-għaġla mingħajr ma fetħu ħalqhom u jgħidu li ma kienx possibbli li jagħmlu dak li qalilhom";

Għaliex anke għal dawn l-interventi tal-Perit Dom Mintoff kienet il-kumpannija l-persuna responsabbli, u kienet hi li mhux biss kellha "tiftaħ ħalqha" imma kellha tieħu l-miżuri neċessarji biex dawk l-interventi ma jsirux jekk dawk kienu interventi noċivi. Hija verament pretensjoni meskina din tal-kumpannija li tippretendi

li kien l-attur li missu waqqaf l-interventi tal-Perit Mintoff. Il-Qorti tieqaf hawn għaliex l-attur akkwiexxa għas-sentenza appellata, għaliex altrimenti kienet tindaga fuq dak li ġiet ritenuta "il-kontribwitorjeta`" ta' l-attur għal dak li ġara;

It-tieni aggravju joġġezzjona "għar-rapport mediku li stabbilixxa diżabilita` permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) meta l-iskeda tad-Dipartiment ta' Sigurta` Soċjali, għall-każijiet analogi, issemmi disa' fil-mija (9%);

Huwa ċar li dak li tistabbilixxi l-iskeda jirrigwarda x'kumpens huwa assikurat mill-Istat għal ċerta menomazzjoni u bl-ebda mod ma jistabbilixxi xi kriterju assolut li fuqu jiġu stabbiliti d-danni sofferti minn vittma ta' inċidenti mutilanti. Huwa, per eżempju, ċar li d-danni ta' min jitlef wieħed mis-swaba ta' jdejh mhumiex l-istess għal pjanist u għal suldat kif lanqas ma huma l-istess bejn xellugi li jitlef seba ta' idu l-leminija, u l-lemini li jitlef seba' minn idu l-leminija;

It-tielet objezzjoni hija wkoll inaċċettabbli. Din tippretendi li huwa rilevanti għal dak li għandha tħallas il-kumpannija, dak li rċieva l-attur minn fonti oħra. Dak li l-attur seta' irċieva minn xi fondi assikurattiva m'għandu ebda rilevanza sostanzjali fuq id-danni li l-attur għandu d-dritt li jirrikjama minn min huwa responsabbli għal dak li huwa sofra. Dak li huwa rċieva minħabba obbligazzjoni kuntrattwali ma tmissx dak li huwa lilu dovut minħabba l-kważi-delitt jew l-obbligazzjoni mposta mil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija konfermata;

Spejjeż għall-appellanti.